# DIBATTITU MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN 2006

It-Tnejn, 30 ta' Ottubru 2006

| | |
|---|---|
| | Sur President,<br><br>Tajjeb li niġu hawnhekk darba fis-sena u nagħmlu eżami ta' dak li jkun ġara, ta' kif intefqu il-flus ivvutati minn dan il-Parlament fil-qasam ta' l-intern u l-ġustizzja. Dan hu Ministeru fejn l-isfidi jitwieldu kuljum. Għal darb'oħra dan il-Ministeru kellu ma' wiċċu l-isfida iebsa ta' l-immigrazzjoni irregolari; u ippermettili ngħid għal darb'oħra din l-isfida ilqajna għaliha fuq diversi fronti.<br><br>Din kulħadd jaf li hi l-ikbar problema li qed niffaċċjaw u kulħadd jaf ukoll li ma hemmx soluzzjoni faċli.<br><br>Jien niltaqa' ma nies fit-triq, nies ġenwini igħiduli: hemm bżonn li jsir xi ħaġa; u dawn nies ġenwini jammettuh huma stess li m'għandniex soluzzjoni. Naturalment hemm dejjem l-irresponsabbli li joħorġu b'soluzzjonijiet inumani li ebda gvern responsabbli ma jista jadotta. Aħna li għandna il-piż ta' tmexxija f'idejna irridu niddeċiedu u dan nagħmluh |

| | |
|---|---|
| | b'rispett għad-drittijiet tagħna ta' ċittadini tad-dinja, iżda wkoll fl-interess għall-pajjiżna. |
| **1. Wasliet bid-dgħajjes** | Sal-lum waslu immigranti irregolari bejn wieħed u ieħor ftit iktar mis-sena li għaddiet, bid-differenza li f'xahar wieħed, dak ta' Ġunju 2006, kellna rekord assolut ta` immigranti li waslu, fosthom dgħajsa b`mitejn u sittin ruħ, b`total ta' 642 ruħ! Bħalissa fic-ċentri ta' detenzjoni hemm iktar minn 1400 ruħ, ċifra tabilħaqq għolja.<br><br>Bnejna Ċentru ġdid ta' Detenzjoni f'Ħal Safi; is-servizz tad-Detenzjoni saħħaħnih bl-ingaġġ ta' 50 gwardjan ġdid; li żdiedu mas-suldati u l-Pulizija li diga` kienu parti mis-Servizz ta' Detenzjoni. Dan l-ingaġġ sar minn fost ex-Pulizija u ex-Suldati u għadhom kif fetħu applikazzjonijiet għal ingaġġ ieħor fid-dawl taċ-ċifri għoljin ta' immigranti detenuti.<br><br>Iżda forsi l-ikbar suċċess f`dan il-qasam kien dak li poġġejna das-suġġett fuq l-aġenda ta' kull laqgħa ta' l-Unjoni Ewropeja, l-aktar fil-Kunsill tal-Ministri tal-Ġustizzja u Intern; u dan wassal sabiex sa fl-aħħar kellna żvolta: il-piż beda |

| | |
|---|---|
| | jinqasam għall-inqas għar-rigward ta' finanzjament bit-twaqqif ta` fond ta` emerġenza li minnu diġa' qed nibbenefikaw; ħdimna sabiex, jekk l-Ewropa għadha ma waslitx li toħloq skema uffiċjali li biha immigranti jitqassmu bejn pajjiżi differenti, għall-inqas għandha tagħraf il-bżonnijiet speċjali tal-pajjiżi tat-truf; B'insistenza u persistenza tagħna, l-Unjoni Ewropeja issa bdiet tagħmlu. |
| **2. Listi ta' proġetti EU** | Għall-ewwel darba, ġew moghtija lil pajjiżna Lm 230,000 bħala għajnuna ta' emerġenza għall-ikel, ilma u servizzi mediċi fiċ-ċentri tagħha, u Lm 340,000 għajnuna lill-Forzi Armati sabiex jissorveljaw aħjar il-fruntieri tagħha. Dawn ġew approvati u għandna nirċevuhom.<br><br>Ġew assenjati ukoll lilna Lm 290,000 fuq proġett mal-Italja u l-*International Migration Organisation*, li tagħha llum aħna membri għal ripatriju volontarju ta' immigranti; apparti minn dan hemm proġetti oħra taħt fondi normali li jieħu minnhom kulħadd.<br><br>Li kieku smajna mingħand ħaddieħor u ma dħalniex fl-Unjoni |

| | |
|---|---|
| | Ewropeja, bħalissa konna nkunu qegħdin ngħumu waħedna.<br><br>Issa dana kollu ma waqax mis-sema; jekk kien hemm tmien (8) kunsilli tal-Ministri ta' l-Intern ta' l-Unjoni Ewropeja, jiena qajjimt u semmejt dil-problema f'kull laqgħa; u hekk għamel ukoll sieħbi Michael Frendo sakemm mhux biss ġbidna l-attenzjoni fuq pajjiżna, iżda ħdimna **daqs, jekk ukoll mhux iktar,** minn ħaddieħor f'dal-qasam, l-aktar mal-Aġenzija Ewropeja tal-Fruntieri (Frontex) u ppermettili nsemmi żewġ stqarrijiet li ħareġ il-Kelliem Ewlieni ta' l-Opposizzjoni fis-sajf li għadda (u li jiena weġibt) li kienu kompletament inkoretti. |
| **3. Stqarrija**<br><br>**03/08/06** | F'Awissu 2006, Dr Gulia ħareġ stqarrija dwar il-Frontex fejn qal li delegazzjoni ta` din l-agenzija marret Lampedusa; u qal li dawn injoraw lil Malta u marru Lampedusa l-ewwel; dan nesa, jew ma kienx jaf, li qabel ma marru Lampedusa, Frontex bagħtet tliet (3) delegazzjonijiet f'Malta, bagħtet esperti sabiex igħinu l-Pulizija Maltija dwar l-immigrazzjoni, u iddiskutiet magħna r-rondi konġjunti fuq il-baħar.<br><br>L-agħar "gaffe" iżda kienet il-kritika li għamel l-Onorevoli |

| | |
|---|---|
| 4. Artikolu The Times 17/09/06<br><br>5. The Malta Independent 18/09/06 | Gulia fuq il-**joint patrols**, fuq il-baħar bejn Malta u l-Libja meta ħaseb li t-Taljani, wara daharna, kienu ftehmu mal-Libja li jsiru rondi fuq il-baħar, u ħallew lil Malta barra; biex imbgħad skoprejna li dana ma kien veru xejn; iżda anki meta l-Ambaxxatur Taljan ċaħad dan, xorta qalilna l-On Gulia:<br><br>"*The news that Italy has reached some arrangements with Libya must have sent shivers down the spines of our Interior and Foreign Affairs ministers who must have gone red in the face with anger and embarrassment".*<br><br>U s-sabiħa hi li l-artikolu semmieh "Joint Patrols and Confusion", u veru konfuzzjoni…imma f'moħħu, għax wara skoprejna li l-Italja u Libja kienu ftehmu mhux fuq il-Joint Patrols, iżda biex Pulizija tas-CID Taljani jmorru jgħinu lil sħabhom Pulizija Libjan.<br><br>Hekk jonqos issa, aħna l-iżgħar pajjiż fil-Mediterran u l-Ewropa, nibagħtu n-nies il-Libja flok dawn iservu f'Malta.<br><br>Iżda dan l-artikolu wera kif l-Onorevoli Gulia għandu ħabta |

| | |
|---|---|
| | jidħol f’nasba li jħejji għalih innifsu, fl-ossessjoni tiegħu li jikkritika u jmaqdar l-isforzi tagħna f’dal-qasam.<br><br>Sadanittant żammejna mal-politika ta’ detenzjoni, ghax hekk huwa fl-interess tal-pajjiz, politika li għandha l-appoġġ taż-żewġ partiti fil-Parlament; iżda fl-istess ħin tajna il-protezzjoni lil kull min kien ħaqqu; dis-sena biss 384 ingħataw status umanitarju u 17 status ta` rifuġjat.<br><br>Irnexxielna b’ħidma mhux żgħira niġbdu l-attenzjoni lejn il-Mediterran ċentrali billi għall-ewwel darba saru rondi konġjunti fuq il-baħar bejn: Malta, Italja, Greċja finanzjati mill-Unjoni Ewropeja b’għajnuna minn barra mill-Ġermanja u Franza; dan kien biss il-bidu u nittamaw li dawn jerġgħu jsiru fis-sajf li ġej.<br>Ma ninsewx għal dawn ir-rondi niddependu minn ħaddieħor, ġaladarba il-Frontex – li għadha kif twieldet – m’għandhiex in-nies tagħha biex jagħmlu r-rondi. |
| **6. Lista ta’ immigranti deportati** | Apparti minn hekk il-Pulizija, b’ħidma mhux faċli, irnexxielha tibgħat lura lejn pajjiżhom ‘il fuq minn 700 immigrant, il-parti |

| | |
|---|---|
| | l-kbira minnhom li ġew bid-dgħajjes. |
| **7. Statistics Refcom** | Irrid hawnhekk nirrikonoxxi x-xogħol diffiċli li twettaq mill-Uffiċju tal-Kummisarju tar-Refuġjati li ddeċida 881-il każ sa Ottubru; u fadal li jiġu intervistati biss dawk li ġew minn Ġunju lil hawn, li naħseb li meta wieħed iqis kemm ġew nies din is-sena, saru l-mirakli f'dal-qasam.<br><br>Nirringrazzja lil Armata, lill-Korp tal-Pulizija, lis-Servizz ta' Detenzjoni għall-ħidma tagħhom f'dal-qasam li mhux faċli; u lill-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Refuġjati għall-ħidma li wettqu, minkejja d-diffikultajiet kbar li jiltaqgħu magħhom f'xogħolhom.<br><br>Nixtieq ukoll nieħu din l-opportunita biex nirringrazzja lill-Korp tal-Pulizija għal mod kif kollox mexa sew daż-żmien sena waqt il-laqgħa tac-CHOGM. Ippermettili nfakkar li daż-żmien sena kien hemm diversi profeti foloz li kellhom dubji dwar kemm konna kapaci nieħdu ħsieb is-sigurta` ta` avveniment bħal dan; u min qal li kien se jsir attentat fuq ir-Reġina, u min qal li hawn iktar klandestini minn Pulizija u |

| | |
|---|---|
| | suldati u li mhux se jkollna vetturi biżżejjed; fil-fatt kollox mexa ħarir u il-Pulizija u l-Armata ġibdu l-ammirazzjoni ta` kulħadd inkluża dik tal-barranin.<br><br>Niġu issa għall-**qasam tal-Pulizija**, u tajjeb li nagħmlu dan għax l-ikbar vot mid-Dipartimenti kollha li jaqgħu taħti hu proprju għall-Pulizija cioe` **Lm 16.4-il miljun** għas-sena li ġejja.<br><br>Ngħidha bla tlaqliq. Il-Pulizija dejjem marru tajjeb taħt Gvernijiet Nazzjonalisti; u l-paragun mhux se nagħmlu biss ma' żmien meta l-labour kienu fil-Gvern qabel l-1987, iżda anki ma' dak li ġara fis-sentejn li għamlu bi prova fil-Gvern, u bil-kelma "għamlu" naturalment ninkludi lill-On. Gulia, li kien jifforma parti anzi kien Ministru f'dak il-Gvern ta' 22-il xahar.<br><br>U dana biex ma nsemmix l-immaġini tal-Korp; qlajna l-Korp fl-1987 mill-qiegħ li kien jinsab fih, kappeġġjat minn persuna li ġiet kundanata 15-il sena ħabs, fejn l-uniformi kienet – għal xi wħud – saret l-iskuża biex tagħmel li trid, inklużi atti kriminali li jagħmluhom il-kriminali mhux il-Pulizija. |

Bnejna l-Korp mill-ġdid billi żbarnih, ħloqna kontrolli kontra l-abbużi, reati għal min jabbuża mill-uniformi, Bord tal-Pulizija għal kull tip ta' ilment, żgħir jew kbir, ħtieġa li l- arresti u s-*searches* kollha isiru wara li jinħareġ *warrant* minn maġistrat, u fl-istess waqt ma bżajniex nieħdu l-azzjonijiet li dehrilna xierqa sabiex insaħħu idejn il-Korp.

Għax hawnhekk niġu b'ħafna dmugħ ta' kukkudrilli dwar il-Korp, u l-ġlieda kontra l-kriminalita', imbagħad f'ħafna drabi meta l-Gvern għadda liġijiet biex isaħħaħ idejn il-Pulizija fl-għodda li għandha bżonn fil-Qorti u barra minnha, lill-Opposizzjoni ma sibnihiex tappoġjana: u nsemmi diversi eżempji.

Meta tajna l-Appell lill-Avukat Ġenerali mill-każijiet fejn inġustament jiġi liberat min hu ħati, l-Opposizzjoni ivvutat kontra; riċentement imn'Alla kellna dan l-appell, f'każ ta' xi ħadd li attakka sesswalment mara li kienet għaddejja għall-affari tagħha, u ħa sentenza sospiża. Appella l-Avukat Ġenerali u l-ħati mar il-ħabs.

| | |
|---|---|
| | L-istess dwar l-appelli mill-pleġġ, mil-liberta' provisorja; kellna, b'xorti ħażina, każijiet ta' omiċidji serji, u anki traffikar ta' drogi, fejn il-ħatja ingħataw il-pleġġ f'qasir żmien, appella l-Avukat Ġenerali **(bl-emenda li daħħalna aħna u opponew huma)**, u l-għoti tal-liberta' provvisorja ġie mħassar.<br><br>L-istess japplika għall-miżuri li ħadna biex nagħmluha iktar diffiċli sabiex kriminali reċidivi jerġgħu jieħdu l-pleġġ; ivvutajtu kontra li kriminal ikun jista' jikxef lil sieħbu, mingħajr il-bżonn ta' korroborazzjoni, għax ma ħaristux lejn l-interess pubbliku u ġenerali iżda biss lejn dak settarju.<br>(*TALKS TOUGH, VOTES SOFT)*<br>Il-Kelliem ta` l-Opposizzjoni matul is-sena prova ipinġi is-sitwazzjoni ta` l-ordni fil-pajjiż bħala waħda disastruża; qisha waslet l-aħħar tad-dinja; iħobb itenni illi il-Pulizija hija demoralizzata:- ma smajniex kelma waħda ta' kritika kostruttiva. Din ta' Pulizjia demoralizzata, nistħajjel li tkun ittajpjata kull sena fid-diskors ta' l-Onorevoli Gulia, u ma jħassarhiex; għaliex sena wara l-oħra jgħidha dejjem l-istess |

| | |
|---|---|
| | ħaġa;<br><br>U Alla jbierek bid-demoralizazzjoni b'kollox fl-aħħar ingaġġ applikaw 350 ruħ meta kellna bżonn 100 ruħ!<br><br>Il-kritika ta' l-Opposizzjoni reġgħet kienet li ma investejniex fil-Korp tal-Pulizija. Għal dis-sena se nivvutaw għall-Korp tal-Pulizija Lm16 u nofs miljun lira (Lm 16.460); żjieda ta' Lm4 miljun mill-1998 meta l-investiment kien ta' 12.3 miljun.<br><br>F'salarji il-Korp se jonfoq Lm 14.8 miljun lira, żjieda ta` kważi 3 miljun lira mill-1998 meta in-nefqa kienet ta` 12 miljun lira. |
| **8.Skeda Salarji**<br><br>**9.Extra duty Overtime** | Ħa naraw kuntistabbli kemm se jmur aħjar fis-sena 2007 komparat mal-1998. Minn Lm 3907 fl-1998 se jitla' għal Lm 5374 fl-2007 u dana qabel ma nsemmi *"overtime"* u "*allowances*", żjieda ta' **38%** fis-salarju bażiku: f'temp ta' **8 snin**. Is-sena li għaddiet il-Pulizija daħħlu Lm 560,000 overtime, Lm 550,000 oħra f'*extra duty*, u 1.9 miljun f'allowances. Jiġifieri s-sena li għaddiet, bejniethom, il-Pulizija daħħlu tliet miljuni, barra s-salarju bażiku. Ras |

| | |
|---|---|
| **10. General Crime Statistics** | imb'ras medja ta' Lm 1666 kull persuna. U biex nagħlaq din il-parti tas-suġġett, Surġent żdied b'40%. (1998: 4586 2007: 6417) fuq li kellu salarju bażiku fl-1998.<br>U spettur tal-pulizija żdied (Lm 5455 għal Lm 7780) żjieda ta' 43%.<br>Niġu issa **għar-rata tal-kriminalita**'.<br>Din is-sena din naqset bi 11%; issa jien mhux ser indoqq it-trombi, pero' stennejt li x'imkien fost il-mijiet ta` artikoli u stqarrijiet li kiteb l-On. Gulia dis-sena, insib imqar l-iċken referenza għal dan it-tnaqqis; issa jiena dejjem insemmi dawn iċ-ċifri b'kawtela, għax naf li dan hu qasam fejn mhux dejjem għandek kontroll fis-sitwazzjoni. Per eżempju x'kontroll għandha l-Pulizija jekk xi ħadd jiffroda lil ħaddieħor; anki jekk ikollok Pulizija f'kull kantuniera dawn it-tip ta' reati se jkomplu jsiru.<br><br>Iżda filwaqt li Dr Gulia kien qed iħabbar minn fuq il-bjut li "kien hemm kriżi fil-qasam tas-sigurta' u bon ordni" ir-rata ta' reati rapportati lill-Pulizjia kienet qed tonqos. Għax proprju mix-xahar li għamel din il-Konferenza Stampa, xahar wara xahar bdiet tonqos ir-rata.  Kważi, kważi, nittama li jibqa' |

| | |
|---|---|
| | jagħmel konferenza stampa darba fix-xahar is-sena d-dieħla ħalli nkomplu b'din ix-xejra!! |
| **11. The Malta Independent 02/10/06** | U f'Ottubru, wara li għal għaxar xhur sħaħ ir-rata ta' kriminalita' naqset kull xahar, - u kien jaf b'dan għax kont nagħtih iċ-ċifri kull xahar, irrefera anki meta kien jaf li r-rata qed tonqos għal "*rising crime figures*" (Malta Independent 02.10.06). |
| **12. Serq minn djar, karozzi, snatch & grab, u ħwienet** | Issa ta' min wieħed janalizża liema reati naqsu, għalkemm meta kien jikkritika, fuq iċ-ċifri globali kien jagħmel dan. Mela globalment kien hemm tnaqqis ta' 11% fuq is-sena li għaddiet; fis-serq kien hemm tnaqqis ta' 11% ukoll; serq mir-residenza, it-tnaqqis kien iktar ta' **19%; serq mill-karrozzi naqas bi 24%;** is-*snatch and grab* naqas b'8%; is-serq mill-ħwienet naqas b'9%.<br><br>Dana ma ġarax b`kumbinazzjoni; matul din is-sena sar sforz speċjali sabiex ninvolvu il-komunitajiet f`kull belt u raħal fil-ħidma ta` prevenzjoni kontra il-kriminalita`; għal dan il-għan il-Kummissarju tal-Pulizija iltaqa` ma kull membru tal-Korp |

| | |
|---|---|
| | permezz ta` laqgħat ta` konsultazjzoni li saru ma`l-iskwadri kollha u mad-distretti kollha; ingħataw istruzzjonijiet ukoll sabiex kull skwadra speċjali, cioe` l-iskwadra ta' kontra il-vizzji, droga, CID u ALE/traffic ikollhom spettur assenjat għal kull lokalita`; dan l-ispettur ingħata l-inkarigu illi jiltaqa` mal-mexxejja ta` kull lokalita` biex jisma` u jifhem dwar il-ħtiġijiet ta` kull lokalita` u il-Korp ikun jista` jindirizza dawn il-ħtiġijiet.<br><br>Ma' dan irridu nżidu li n-numru ta' vetturi mobile li irdoppja matul dis-sena, sabiex b'hekk kellna iktar patrols fit-toroq.<br>U il-pulizija fuq il-"*beat*"` ingħata għodda aħjar; illum kull pulizija fuq il-*beat* għandu radju modern personali tiegħu, u tagħmir ieħor biex jaqdi dmiru aħjar.<br><br>Xtaqt ukoll nwieġeb għal kritika oħra li saret matul is-sena. Il-Kelliem Ewlieni ta' l-Opposizzjoni qal li l-membri tal-Korp qed jirriżenjaw għax imxebbgħin; issa kulħadd jaf li fil-Korp ħafna jirriżenjaw minħabba li jieħdu l-pensjoni ta' 25 sena servizz u biż-żjieda fis-salarji li tajna aħna ħafna jiddeċiedu illi wara 25 sena servizz li erġajna ntroduċejna aħna, jirriżenjaw u jieħdu |

| | |
|---|---|
| | żewġ terzi tas-salarju meta jirriżenjaw. U jmorru jaħdmu!!!<br>Issa dan l-għaġeb kollu għaliex fl-2006, fl-ewwel 9 xhur tas-sena, telqu 32 minn 1800! Din hija r-rata medja ta' riżenji kull sena.<br><br>Iżda fis-sentejn tal-Labour, tafu kemm telqu: 134 Pulizija f' 22 xahar!!<br><br>U s-suċċessi tal-Pulizija narawhom mhux biss fit-tnaqqis tar-rata ta' kriminalita', iżda fis-suċċessi fil-ġlieda kontra d-droga: |
| **13. Drugs Statistics** | L-iskwadra kontra d-droga, bl-għajnuna ta' Aġenzija oħra fil-Korp u barra mill-Korp, reġgħet wettqet suċċessi kbar, fosthom inqabbdu 44 kg ta' cannabis u 15,000 pillola ecstasy, u 4 kilogrammi kokaina. Barra minn dan saru 440 arresti, 299 perkwiżizzjoni, u ttellgħu l-Qorti 88 fuq traffikar u 350 fuq pussess.<br><br>Insemmi wkoll il-bidla amministrattiva importanti dwar ix-***shift***. Kienu ilhom is-snin kulħadd iħabbel moħħu minn |

| | |
|---|---|
| | żmien De Gray kif il-membri tal-Korp ikollhom *"shift"* aħjar fis-sens li jkunu jafu kemm jista' jkun kmieni f'liema ħinijiet u fejn, se jkunu xogħol.<br><br>Bi pjaċir ngħid li f'dis-sena ġie ntrodott shift li hu aħjar, jagħti perjodu itwal ta' mistrieħ, jassigura illi x-xogħol li kien isir jibqa' jsir, u l-akbar numru ta' pulizija jkunu sodisfatti. Wara għexieren ta' snin bl-istess shift, dan issa ġie varat u kien suċċess; u kienu ħafna dawk il-membri tal-Korp li niltaqa' magħhom u qaluli kemm huma kuntenti b'dax-*shift*.<br><br>Dan ix-*shift* assigura wkoll illi kemm jista` jkun ikun hemm l-istess pulizija f`lokalita` partikolari, bil-konsegwenza li hemm rapport aħjar bejn il-mexxejja tal-lokalita` u il-Pulizija tagħhom.<br><br>Idaħħlet miżura oħra importanti. Għall-ewwel darba, il-Kummissarju introduċa sistema li min irid is-servizz ta' Pulizija "extra duty", iħallas minn qabel, sabiex jiġi assigurat li jitħallas il-Pulizija li fil-frank tiegħu jagħmel dax-xogħol. Infakkar li bħala *extra-duty* il-Pulizija daħħlu dis-sena Lm |

| | |
|---|---|
| | 550,000.<br><br>Kull min riċentament żar id-Depot – bħal kap ta' l-Opposizzjoni – żgur li nnota bit-titjib li kien hemm fid-dehra tad-daħla. Saret entratura ġdida li tixraq lill-Kwartieri Ġenerali tal-Korp. Saret entratura oħra – ħafna iktar sigura – fil-bitħa tas-CID. U inbena block għal International Relations fejn taħt saqaf wieħed se jkun hemm l-Uffiċċju tas-*Schengen, Sirene, Interpol u Europol* bi preparazzjoni għad-dħul tagħna f'*Schengen* ma' l-ewwel opportunita'. Infakkar li bid-dħul ta' Malta fis-*Schengen*, jaqgħu, għal kull min qiegħed Malta - Malti jew mhux – il-fruntieri intern tal-pajjiżi kollha li huma fis-*Schengen*, filwaqt li jissaħħu l-fruntieri Maltin, għal min se jidħol fl-Ewropa minn Malta.<br><br>L-Onor Gulia semma dwar il-promozzjonijiet tas-**Supretendenti**, u qal li dan kien proċess li sar a bazi tal-politika; issa ma nafx kemm waslulu rapporti minn dawn in-nies promossi dwar kemm ħadu għalihom bi kliemu; ngħid li dan kien proċess trasparenti u fier. |

| | |
|---|---|
| | Nixtieq infakkar li kien biss f'dan l-aħħar snin illi għal dil-kariga bdew joħorġu s-sejħa għall-applikazzjonijiet, u għażla minn Bord, għax qabel in-nomini kienu jsiru direttament mill-Kummissarju tal-Pulizija lill-PSC.<br><br>Trid issir għażla u l-għażla saret a bazi ta` taħlita ta' seniority u abilta' U fil-fond ta' qalbek dana inti tafu u li min ħa l-"promotion" kien ħaqqu. U li ma kien hemm ebda politika: imkien u fil-Korp tal-Pulizija, iktar u iktar. |
| **14. Stqarrija**<br>**MLP**<br>**19/01/06** | Fost il-kritika ta' dis-sena sfortunatament kellna ukoll l-istrumentalizazzjoni tat-traġedji umani; qed nirreferi għall-każ ta' t-tfajla li mietet fl-ewwel tas-sena f'inċident traġiku u sfortunat. L-Opposizjzoni għal darb'oħra sabet l-okkazjoni biex tipprova tiehu gwadann politiku minn traġedja; F`Konferenza Stampa, il-Kap ta l-Opposizzjoni allega li kien hemm omerta' sħiħa dwar dal-każ, li l-affarijiet tpoġġew taħt it-tapit, li l-permess għal disco fl-aħħar tas-sena kien ħareġ minkejja l-opposizzjoni tal-Pulizija; u li d-diriġenti tal-Mediterranean Conference Centre kienu jaħtu wkoll. |

| | |
|---|---|
| **15. Inkjesta 29/03/06** | Illum għandna l-Inkjesta Maġisterjali li ikkonkludiet li l-permess ħareġ regolarment, li la il-Pulizija u lanqas iċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi jew l-Organizzaturi ma kienu responsabbli.<br><br>Basta semmejna n-nies b'isimhom u tfajna d-dubji. Flok qagħadna attenti li ma nweġġgħux lil min kien imweġġa' diġa', l-Opposizzjoni pruvat tagħmel gwadan politiku irħis.<br><br>Fuq din se nieqaf hawn sabiex lanqas remotament ma nista' niġi akkużat li aġixxejt bħalma aġixxiet dak in-nhar l-Opposizzjoni, u npoġġi fuq il-mejda tal-Kamra l-Inkjesta Maġisterjali b'sens ta' ġustizzja ma' kulħadd inkluż ma' min bħal Pulizija kienu qed iqattgħu l-aħħar tas-sena jaqdu dmirhom.<br><br>Din hi l-politika ta' l-Opposizzjoni dwar l-Intern!!<br><br>**Faċilita' Korrettiva**<br><br>Ngħid xi ħaġa dwar il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. |

| | |
|---|---|
| | Il-blokk tal-*Family Extended Visits* tlesta. Dana ġie mibni mill-istaff, bl-għajnuna wkoll ta' xi priġunieri. Dan kien proġett li semmejtu li ser isir dis-sena u fil-fatt sar.<br><br>Qed isir xogħol fuq sezzjoni għal priġunieri li, minħabba n-natura ta' reati li bihom ġew akkużati jew instabu ħatja, għandhom bżonn protezzjoni speċjali.<br><br>Ittieħdu miżuri ġodda ta' sigurta' inkluż tagħmir ġdid għall-*Ispecial Response Team*. Ġiet introdotta kemm fil-ħabs, kif ukoll fis-sezzjoni Forensika fejn jitpoġġew priġunieri f'Mount Carmel li għandhom bżonn kura medika, *nurse care system* ġdid.<br><br>Sar xogħol ta' restawr f'diversi partijiet tal-ħabs.<br><br>Nieħu gost ninnota li hemm 218 priġunieri li qed jagħmlu xi forma ta' xogħol fil-ħabs; ċifra tajba (60%) għall-popolazzjoni **tal-ħabs**, li telgħet għal 360. |

| | |
|---|---|
| | Fil-qasam **leġislattiv**, dis-sena kienet waħda speċjali.<br><br>Dal-Ministeru fassal u ippilota leġislazzjoni ta' fejda; emendajna il-Kodiċi Kriminali u bis-saħħa ta' dawn l-emendi li daħlu fis-seħħ das-sajf:<br>a) għamilniha iktar diffiċli sabiex kriminali reċidivi jieħdu l-liberta' provvisorja;<br>b) ippermettejna li tiġi aċċettata x-xhieda ta' kriminal li jixhed kontra kriminal ieħor, anki bla korroborazzjoni;<br>c) tajna l-possibilita lill-vittmi tar-reati li jitħallsu danni ċivili fil-kawża kriminali stess;<br>d) għaddejna liġi li tippermetti l-ħlas da parti ta' l-Istat lill-vittmi ta' reati serji vjolenti;<br>e) tajna d-dritt lill-Qorti li tikkundanna l-ħatja li jħallsu l-ispejjeż tal-Qorti;<br>f) għaddejna emenda sabiex il-minorenni taħt is-16 il sena jixhdu darba, bil-**"video conference",** u darba biss;<br>g) neħħejna il-ħabs bil-fors fil-każ ta' "sharing" fir-reati ta' droga;<br>h) żidna l-pieni għal reati mnebbħa minn mibegħda |

| | |
|---|---|
| | razzjali;<br>i) neħħejna l-piena ta' ħabs fir-reati ta' libelli.<br>Għaddejna liġi li biha l-Gvern jista' jifdi artijiet li qegħdin għandu b'"*possession and use"* ħalli nkunu nistgħu nbiegħu l-appartamenti lir-residenti.<br><br>Għamilniha iktar faċli sabiex sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u dik Ewropeja jiġu mwettqa f'Malta.<br><br>Liġi importanti kienet ir-riforma li għamilna fil-qasam tal-mandati u s-subasti sabiex inħaffu l-proċess li bih il-kreditur jieħu flusu lura, u fl-istess ħin inħarsu d-drittijiet tad-debituri.<br><br>U bħalissa għaddejja riforma oħra sabiex sa fejn jiddependi minna, nagħmlu l-proċess tal-ġustizzja eħfef u ġustizzja amministrattiva.<br><br>Niġu b'hekk għall-qasam **tal-ġustizzja**. Jekk fl-intern l-Opposizzjoni m'għandhiex politika bil-kitba, naħseb li fil-fil-ġustizzja dil-politika la teżisti fil-kitba u lanqas fil-ħsieb; il-politika ta' l-Opposizzjoni hija waħda reattiva biss; jipprovaw |

| | |
|---|---|
| | jikkuntentaw lil kulħadd f'salt, u għalhekk ma joħroġux bil-politika tagħhom. Kien ikun ferm aħjar kieku ħarġu b'din il-politika, għaliex l-iskontru ta' l-idejat u ta' "policies" jgħinu anki lill-Gvern. Forsi rrid nikkoreġi ruħi, għidt illi l-Opposizzjoni hi biss reattiva, xi kultant lanqas reazzjoni m'hi kapaċi tifformola – mhux politika tagħha qed ngħid, lanqas **reazzjoni**.<br><br>Ħalli nagħti eżempju. Fis-Sajf 2004 bgħatt proposta lill-Opposizzjoni sabiex l-eta' ta' l-irtirar tal-Maġistrati titla' minn 60 għal 65. Silenzju. Erġajt bgħatt l-emenda f'Jannar ta' dis-sena, flimkien ma` proposta sabiex il-kariga ta' Ombudsman tiġi "entrenched" fil-Kostituzzjoni. Erġajna silenzju. Sakemm fl-aħħar f'Awissu 2006, il-Gvern ħareġ bil-proposta tiegħu fil-pubbliku. |
| **16.L-Orrizont 24/08/06** | Malli għamilna hekk, il-kelliem ewlieni l-ewwel qal lill-PBS, li l-Opposizzjoni mhix obbligata li twieġeb għall-ittri li bgħattna; imbagħad qal li hu personalment favur dawn l-emendi, iżda l-Opposizzjoni se tesprimi ruħha dwar l-emenda ta' l-Ombudsman "malli jiftaħ il-Parlament wara r-"RECESS" tas- |

| | |
|---|---|
| | Sajf". Erġajna ftaħna l-Parlament wara s-Sajf, se nerġgħu nagħlqu għall-vaganzi tal-Milied, u bqajna bla reazzjoni.<br><br>Fil-qasam tal-ġustizzja rajna s-suċċess tar-riformi li introduċejna xi snin ilu, u li ġew opposti mill-Opposizzjoni b'vot kontra b' "*division*". Nieħdu per eżempju s-sistema li daħħalna fl-2004 li meta ma jkunx hemm kontestazzjoni, il-kreditur jista' jibgħat ittra uffiċjali, u jekk wara xahar d-debitur ma jikkontestax, min għandu jieħu jkollu sentenza f'idejh. Tgħidx x'ma **qalulniex li qed nilaghbu bil-principji fondamentali u li qegħdin immorru kontra *rule of law*;** U sa dax-xahar stess, l-On G Gulia – li għoġbu wkoll jintervjeni f'dan id-dibattitu – u qalilna li wara l-pompa kollha li biha varajna din l-ittra uffiċjali, din ma kinitx suċċess. |
| **17. Artikolu Gulia The Malta Independent 20/10/06** | *"I know for a fact that many lawyers are bypassing, or contemplating bypassing the new executive judicial letter….."*<br><br>Imbgħad l-On Herrera f'konverżjoni spettakolari, minn dawk li s-soltu jsiru fit-triq ta' Damasku, qalilna propju ftit ta' ġranet |

| | |
|---|---|
| **18. Debate COCP 17/10/06** | ilu<br>*"Il-proċedura li introduċejt inti ħadmet, ħalli nitkellem ċar. Jiena ħsibt li se taħdem inqas, ħa nkun ċar magħkom; Din ta` l-ittra uffiċjali tal-Lm5000 ``on the whole`` hija proċedura li ġiet mħaddma b`ċerta responsabbilita` u qed taħdem." (HOR 17/10/2006)*<br><br>Fil-fatt tant din kienet suċċess illi saru mill-1 t'Awissu 2005 4392; li 587 biss kienu kontestati. (13%)<br><br>Il-*backlog* (12,235) tal-Qorti niżel b'31% komparat mill-aħħar sena ta' Gvern Laburista. Kuntenti? Le iżda wettaqna bidliet li qed jirrendu l-frott.<br><br>Fil-Qrati Kriminali saru 19-il ġuri u hemm pendenti 30 ġuri ieħor; inqatgħu 300 kawża fl-Appelli Kriminali.<br><br>Għall-ewwel darba ġew maħtura nisa Imħallfin. Dan il-Gvern jiftaħar li kien hu li appunta l-ewwel nisa maġistrati, l-ewwel nisa Imħallfin, l-ewwel nisa Ambaxxaturi, l-ewwel nisa segretarji permanenti u d-deputati nisa tal-Gvern huma |

| | |
|---|---|
| | kollha fil-"*front bench*".<br><br>Din kienet ukoll sena ta' ħidma għat-**Taqsima tal-Proprjeta` tal-Gvern**. Huwa mahsub li sa' l-aħħar tas-sena, naqbżu d-dħul li kien previst għal dis-sena. Biżżejjed ngħid li mill-joint office, kien hemm dħul 1.4 miljun fuq l-Estimi (żjieda ta' 170%); u sa l-aħħar tas-sena hu previst li d-dħul minn bejgħ ta' proprjeta tal-Gvern ikun ta' 34 miljun, cioe' 12 miljun iktar min dak "budgeted". Dana qed ngħidu mhux daqstant għaż-żjieda fid-dħul, iżda għal ħidma kontinwa tad-Dipartiment biex jara li jilħaq il-miri tiegħu.<br><br>Sa l-bidu ta' Ottubru l-Gvern kien ħallas Lm 2 miljuni għal kumpens ta' art esproprjata, u fid-Diskors tal-Budget, il-Gvern ħabbar li se jwaqqaf skema li biha bonds għall-valur ta' Lm 20 miljun lira, jingħataw fuq bażi volontarja lis-sidien li għandhom jieħdu kumpens, sabiex b'hekk inħaffu l-proċess ta' ħlas għal artijiet exproprjati.<br><br>Infakkar il-Kamra li dawn huma flus li huma dovuti għal esproprju antiki, għax dal-Gvern fl-1993 ma baqax |

| | |
|---|---|
| | jesproprija artijiet għal skop pubbliku, jekk ma jkollux il-flus depositati sabiex jitħallsu s-sidien ta' l-art meħuda. Issa daħħalniha fil-liġi li ebda dikjarazzjoni tal-President ma toħroġ, jekk ma jkunx hemm depożitati f'kont bankarju favur is-sidien, il-kumpens dovut.<br><br>L-iskema imsemmija fid-diskors tal-Budget tal-ħruġ ta' *bonds* garantiti b` proprjeta' pubblika li tiġi trasferita lil entita' finanzjarja, għandha ssolvi parti mill-problemi ta' l-espropriji "antiki".<br><br>Dwar l-iskema tal-qbiela b'żjieda fir-riżorsi umani, qed isiru medja ta' ħamsin kuntratt fix-xahar; sadanittant lil dawk li applikaw sabiex jiġu rikonoxxuti, inħarġitilhom ittra li sakemm il-kondizzjonijiet kollha ta' l-iskema ġew osservati, ingħataw titolu prekarju fuq l-art ħalli jkollhom dokument ta' titolu, li qabel ma kellhomx.<br><br>Ħafna mix-xogħol li jagħmel dan id-Dipartiment ma jidhirx; pero' nista' nsemmi biss, illi inħarġu 12,000 pjanta, ġew reġistrati fir-Reġistru ta' l-Artijiet elfejn tomna ta' proprjeta' |

| | |
|---|---|
| | tal-Gvern, u d-Dipartiment għamel xogħol enormi għall-proġetti tal-Gvern bħal Smart City, proprjeta' ta' l-Enemalta, u l-bejgħ tal-Holiday Inn, il-bajja ta' Buġibba, u t-trasferiment ta' artijiet lill-Awtorita' tad-Djar għal bini ta' akkomodazzjoni soċjali.<br><br>Dwar l-Iskema li konna varajna għall-fidi ta' ċens ta' residenzi, sa issa saru elf kuntratt: jiġifieri elf familja fdew iċ-ċens tar-residenzi; ġew proċessati 3,300 applikazzjoni. Din hija skema li ma tagħlaqx, u allura l-iskema hija miftuħa għax in-numru ivarja kuljum. Din hija skema li kienet suċċess, u aktar persuni saru sidien ta' djarhom bla xkiel ta' ċens. |
| **19. Tabella 1994 – 2008 Allokazzjoni Kunsilli Lokali** | Dwar il-**Kunsilli Lokali**, erġajna smajna mill-Partit li fis-sentejn li dam fil-gvern, darbtejn naqqas l-allokazzjoni diretta, li l-Gvern mhux qed igħaddi biżżejjed fondi.<br><br>Fl-1994 meta bdew il-Kunsilli Lokali l-allokazzjoni diretta kienet 4.5 miljun. Dis-sena kienet 10.25 milun lira. Meta fl-1996 tela' l-Labour fil-Gvern l-allokazzjoni kienet 7.25 miljun; |

| | |
|---|---|
| | meta spiċċaw mill-Gvern tant gidmuha u naqsuha, illi kienet niżlet għal 5.83. Imn'Alla ma bqajtux fil-Gvern għax kontu tħalluhom bla sold.<br><br>Il-Gvern alloka lill-Kunsilli Lokali mal-230 ħaddiem, li ġejjin mill-IPSL kif ukoll ex-ħaddiema tal-Water Services Corporation, u oħrajn mislufa mill-Public Works; is-salarji ta' dawn il-ħaddiema jammontaw għal Lm 1.24 miljun, u huma mħallsa kollha mill-Gvern Ċentrali.<br><br>Apparti dan inħolqu għejjun oħra ta' fondi bħal permessi u liċenzji, is-sistema ta' infurzar lokali, ħlas għall-servizzi li wkoll jammontaw għal mijiet ta' eluf ta' liri.<br><br>Irrid ngħid li proprju dan ix-xahar il-MEPA ħabret li kienet se twaqqaf fond ta' kważi miljun lira, għall-iżvilupp urban. Dan il-fond se jintuża biex jiġu finanzjati proġetti tal-kunsilli lokali bħal ġonna, *playing fields, street furniture, traffic management,* faċilitajiet għal "*disabled*" u dwal fit-toroq. Dawn il-flus inġabru minn permessi maħruġa mill-MEPA li kellhom kondizzjoni ta' l-hekk imsejjħa "*community gain*" |

| | |
|---|---|
| **20. Proġetti EU Kunsilli Lokali** | f'proġetti partikolari.<br><br>Bis-saħħa ta' fondi minn l-Unjoni Ewropeja il-Kunsilli se jirċievu, kif ħabbar il-Prim Ministru, 1.8 miljun oħra għal proġetti partikolari fil-bliet u rħula tagħna. Matul din is-sena kien hemm dawn il-proġetti li daħħlu għalihom il-Kunsilli Lokali, b'finanzjament ta' l-Unjoni<br>a) il-proġett tal-Mistra fil-Mosta sabiex jitnaddfu il-katakombi li hemm f'dik il-lokalita' u promozzjoni tal-folklor;<br>b) proġetti turistiċi f'Ta' Xbiex, Valletta, l-ibliet tal-Kottonera; u Proġett taċ-Ċittadini żgħażagħ mill-Kunsill ta' B'Kara.<br><br>Saru 6 devoluzzjonijiet lill-Kunsilli Lokali: Il-post il-qadim tad-Dwana fil-Pieta', sit fix-Xewkija Għawdex, playing field f'John Borg Street, il-Kunsill ta' B'Kara, żewġ siti fl-Għarb, strutturi tal-Vieca lil Kunsill ta' Ħad-Dingli, u l-Verdala Playing Field lil dar ta' Bormla.<br><br>Irrid ngħid li fil-qasam ta' l-infurzar lokali: daħħalna diversi |

| | |
|---|---|
| | tibdiliet, l-iktar importanti it-twaqqif ta' tliet Bords li għandhom il-poter li jirċievu petizzjonijiet minn kull persuna dwar *tickets* ta' kontravvenzjonijiet li tirċievi; kif ukoll riformi fil-proċedura sabiex quddiem it-Tribunal Lokali, każ jiġi kontestat mingħajr il-bżonn li dak li jkun jidher hu personalment quddiem it-Tribunal. Dax-xahar twaqqaf fuq bażi legali l-Kumitat ta' l-Infurzar Lokali, b'rappresentanza xierqa tal-Gvern Ċentrali, sabiex jirregola dan il-qasam b'mod li filwaqt li s-sistema tkompli, ma taqbiżx il-konfini ta' dak li hu ġust u raġjonevoli. |
| **21. Emenda Proposta 24/04/06** | Ngħid xi ħaġa wkoll dwar il-komposizzjoni tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Jiena f'April li għadda bgħatt proposta konkreta t'a bidla fir-Regolamenti, sabiex tassigura li min ikollu maġġoranza ta' kunsilliera, ikollu maġġoranza fl-Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni. Din bgħattha bil-miktub. Irċevejt bil-miktub risposta f'Settembru, 4 xhur wara; malli rċevejt ir-risposta, inbiddlu r-Regolamenti, u saret l-elezzjoni fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru.<br><br>Dwar ir-rappresentanza ta' l-AKL fil-CLARE (tal-Kunsill ta' l-Ewropa), kulma għamilna fil-bdil ta' regolamenti kien illi |

| | |
|---|---|
| | poġġejna r-regolamenti fuq l-istess bażi bħal tal-Committee of the Regions tal-Unjoni Ewropeja, fejn ir-rappresentanti ma hemmx għalfejn ikunu membri ta' l-Eżekuttiv tal-AKL. L-istess Regolamenti, bir-referenza tagħhom għall-Istatut tal-CLARE jobbligaw il-Ministru li, kif dejjem għamel, jaħtar id-delegazzjoni b'mod li jirrifletti s-saħħa politika ta' kull partit politiku.<br><br>Hekk sar u se jkompli jsir. Kien ħaddieħor li fl-istorja tiegħu ma rrispettax ir-regoli ta' maġġoranza u minoranza, mhux aħna.<br><br>Fl-Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali, l-Aġenzija bidet tieħu sura<br>a) fl-ingaġġ ta' tliet avukati ġodda u<br>b) għaxra oħra li ser jiġu ingaġġati sa l-aħħar tas-sena; kif ukoll titjib sostanzjali fil-pagi u s-salarji tal-istaff legali kollu ta' l-Aġenzija.<br>L-Uffiċċju ħadem fuq 16-il liġi mgħoddija mill-Parlament, u 20 abbozz; 238 avviżi legali; l-Aġenzija qed tieħu ħsieb 'il fuq minn elf każ fil-Qorti; apparti x-xogħol kollu li jsir fil-kriminal, inkluż ma' l-1000 inkjesta maġisterjali. |

| | |
|---|---|
| | Dan hu l-mutur leġislattiv ta' l-amministrazzjoni, u qegħdin nerġgħu nivvutaw flus addizzjonali ħalli jaqbad ir-ritmu li nixtiequ.<br><br>Fl-Arkivji Notarili, sar proġett ta' fejda, li bih atti u dokumenti antiki f'Strada Cristoforuo ġew restawrati, ingħatat dehra aħjar lill-istess Uffiċċju; u d-dipartiment daħal bi sħab mal-volontarjat b'proġett li għandu jieħu spinta qawwija dis-sena.<br><br>Kelma żgħira dwar id-Dipartiment taċ-Ċittadinanza. Bis-saħħa ta' riformi li l-Gvern Nazzjonalista għamel fl-1989 u fl-2000, ibbenefikaw sa issa 11,749 persuna, kważi kollha persuni ta' **nisel Malti**.<br><br>Dan id-Dipartiment mix-xahar iddieħel se jibda jieħu f'idejh ukoll il-pemessi differenti ta' residenzi, inklużi dawk tal-*long term residents* li se jibdew jingħataw permess ġdid ta' 5 snin b'effett mill-1 ta' Novembru.<br><br>Kelma żgħira dwar id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Tas- |

| | |
|---|---|
| | *Civil Protection* intervjenew f'mhux inqas minn 5600 każ matul l-ewwel għaxar xhur tas-sena. Komplew jissaħħu l-Iskwadri tal-*Marine* u *Humanitarian Aid* billi dawn ingħataw post ġdid il-Marsa fil-Port il-Kbir. Matul dis-sena kompla jissaħħaħ il-Korp tal-Volontiera fi ħdan il-Protezzjoni Ċivili u n-numru llum ilaħħaq 44. Intlaħaq ukoll ftehim mal-mezzi tar-radju u televiżjoni sabiex tingħata informazzjoni f'waqta lill-pubbliku f'każ ta' periklu.<br><br>X'rajna f'dan id-dibattitu? Minn naħa tal-Gvern rendikont ta' ħidma ma taqta' xejn f'kull qasam. Min-naħa l-oħra, ma smajna xejn, ma rajna xejn ħlief …CD. U f'dis-CD il-politika tal-futur tal-Partit Laburista: x'insibu: dwar ġustizzja u inter: xejn ħlief CD li dwar ġustizzja u intern m'hemm xejn!!<br><br>Mela sewwa ngħidu, li fil-ġustizza u l-intern, il-politika ta' l-Opposizzjoni hi li ma jkollomx politika ħlief dik ta' "tellgħuna imbagħad naraw". Iżda quddiemna m'għandniex uċuh ġodda, u l-poplu dar-riskju ħadu diġa', iddispjaċih, u mhux se jerġa' jieħdu. |